Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Frar 2020
(OR. en)

6154/20

SOC 62
EMPL 49
GENDER 11

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: Ħatra tas-Sa Katja GERSTMANN, membru supplenti għall-Awstrija, minflok is-Sa Eva-Maria BURGER, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Eva-Maria BURGER bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet (għall-Awstrija).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, b'kull Stat Membru jaħtar membru wieħed u membru supplenti wieħed.

4. Il-Gvern tal-Awstrija ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2022:

is-Sa Katja GERSTMANN
Federal Chancellery - Division for Women and Equality
Minoritenplatz 3
A-1010 Vienna
tel.: + 43 1 531 15-632463
indirizz elettroniku: katja.gerstmann@bka.gv.at

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju 2019[3] il-Kunsill ħatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2022, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Wara r-riżenja tas-Sa Eva-Maria BURGER sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvernijiet.

(3) Il-Gvern tal-Awstrija ppreżenta nomina għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

[2] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
[3] ĠU C 185, 29.5.2019, p. 1.

Artikolu 1

Is-Sa Katja GERSTMANN hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sa Eva-Maria BURGER għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Mejju 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President